Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/740

22.2.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/740**

**tat-22 ta' Frar 2024**

**li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/891 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-28 ta' April 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 ([1]).

(2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha lir-Repubblika tal-Moldova u r-reżiljenza, is-sigurtà, l-istabbiltà, l-ekonomija u l-provvista tal-enerġija tagħha fid-dawl ta' attivitajiet destabbilizzanti minn atturi esterni.

(3) Fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika tal-Moldova, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jiżdiedu sitt persuni u entità waħda mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/891.

(4) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/891jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Frar 2024.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
H. LAHBIB

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/891 tat-28 ta' April 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 114, 2.5.2023, p. 15).

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura “A. Persuni fiżiċi”:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| “6. | Chiril GUZUN | Eks uffiċjal tal-pulizija tal-fruntiera, attwalment il-mexxej ta' grupp paramilitari, 'SCUTUL POPORULUI'<br>Data tat-twelid: 27.4.1979<br>Post tat-twelid: Ratus, Criuleni, SSR Moldova<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Ir-Repubblika tal-Moldova | Chiril Guzun huwa l-fundatur u l-mexxej attwali ta' 'Scutul Poporului', organizzazzjoni paramilitari fir-Repubblika tal-Moldova, li tinkludi eks persunal militari, tal-pulizija u tal-infurzar tal-liġi, li tuża l-vjolenza filwaqt li tattendi l-protesti, b'mod partikolari biex tiddestabbilizza r-Repubblika tal-Moldova. Matul it-tentattivi ta' Frar 2023 biex jiddestabbilizzaw il-gvern nazzjonali, gruppi ta' dimostranti affiljati mas-sussegwentement ipprojbit 'Partidul ȘOR' u mal-Building Europe at Home Party, 'Partidul Acasă Construim Europa' (PACE) kienu appoġġati u mdawra minn membri ta' 'Scutul Poporului', li kienu involuti f'irvellijiet u dimostrazzjonijiet vjolenti.<br>Chiril Guzun ilu jaf ukoll lil Gheorghe Cavcaliuc, persuna elenkata u l-mexxej tal-partit 'PACE'. Cavcaliuc ammetta li kkoordina mal-organizzazzjoni ta' Guzun fir-rigward tal-protesti vjolenti. Barra minn hekk, Natalia Guzun, mart Chiril Guzun, hija viċi president tal-partit 'PACE'.<br>Fir-rwol ta' mexxej ta' 'Scutul Poporului', billi jmexxi, jinvolvi ruħu f'dimostrazzjonijiet vjolenti u jappoġġahom, Chiril Guzun huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova. Barra minn hekk, Chiril Guzun huwa assoċjat ma' Gheorghe Cavcaliuc u ma' 'Scutul Poporului'. | 22.2.2024 |
| 7. | Dmitry MILYUTIN | Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Intelligence Operazzjonali tad-Direttorat 5, Servizz tas-Sigurtà Federali Russu (FSB)<br>Data tat-twelid: 30.5.1967<br>Post tat-twelid: Ijevsk, USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Russa<br>Numru tal-karta tal-identità: 0134180 | Dmitry Milyutin huwa l-Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Intelligence Operazzjonali tas-Servizz tas-Sigurtà Federali Russu (FSB), ilu responsabbli mill-operazzjonijiet sigrieti tar-Russja fir-Repubblika tal-Moldova mill-2016, speċjalment fir-reġjun Transnistrijan, li jiddestabbilizzaw l-ordni kostituzzjonali. Permezz tal-operattivi tiegħu, Milyutin imexxi, jikkoordina u jimmanipula atturi politiċi magħżula fir-Repubblika tal-Moldova sabiex isegwi aġendi favur ir-Russja, u b'hekk idgħajjef il-proċess politiku demokratiku fir-Repubblika tal-Moldova. Barra minn hekk, il-grupp ta' Milyutin huwa involut fl-organizzazzjoni ta' protesti vjolenti u f'atti oħra ta' vjolenza li jseħħu fir-Repubblika tal-Moldova. Billi jdgħajjef serjament il-proċess politiku demokratiku, jipprova jiddestabbilizza l-ordni kostituzzjonali, u billi jiffaċilita dimostrazzjonijiet vjolenti u atti oħra ta' vjolenza, Dmitry Milyutin qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu s-sovranità u l-indipendenza, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà tar-Repubblika tal-Moldova. Huwa assoċjat ukoll mal-persuna elenkata Igor Chaika. | 22.2.2024 |

MT
ĠU L, 22.2.2024
2/5
ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/740/oj

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 8. | Arina Evgheni CORȘICOVA | Data tat-twelid: 28.12.1974<br>Sess: mara<br>Nazzjonalità: Ir-Repubblika tal-Moldova<br>Numru ta' Identifikazzjoni tal-Istat (IDNP): 0962011898118 | Arina Corșicova tmexxi diversi trusts tal-media tal-komunikazzjoni fir-Repubblika tal-Moldova, li waħda minnhom għandha ż-żjieda ta' żewġ stazzjonijiet televiżivi, 'ACCENT TV' u 'PRIMUL ÎN MOLDOVA', li l-liċenzjar għax-xandir tagħhom ġew sospiżi mir-Repubblika tal-Moldova, peress li xerrdu informazzjoni skorretta dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u avvenimenti politiċi attwali fir-Repubblika tal-Moldova. Minkejja li tilef il-liċenzja tax-xandir tat-televiżjoni tiegħu, 'Primul în Moldova' ikompli jxerred dikjarazzjonijiet foloz immirati lejn id-destabbilizzazzjoni tal-ordni kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Moldova.<br>F'dan il-kuntest, Arina Corșicova qed ukoll iddgħajjef il-proċess politiku demokratiku fir-Repubblika tal-Moldova billi tmexxi kampanja ta' diżinformazzjoni u billi hija appoġġata politikament mill-persuna elenkata Ilan Shor.<br>Barra minn hekk, hija ilha assoċjata għal żmien twil ma' Ilan Shor, filwaqt li ffinanzjat il-kampanji elettorali tiegħu fil-passat u hija azzjonista indiretta ta' 'Banca Socială', involuta fil-każ 'Bank Fraud'.<br>Billi ddgħajjef il-proċess politiku demokratiku u tiddestabbillizza l-ordni konstituzzjonali, Arina Corșicova qiegħda tappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-istabbiltà fir-Repubblika tal-Moldova. Barra minn hekk, hija assoċjata ma' Ilan Shor. | 22.2.2024 |
| 9. | Dumitru CHITOROAGĂ | Data tat-twelid: 23.12.1984<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Ir-Repubblika tal-Moldova<br>Numru ta' Identifikazzjoni tal-Istat (IDNP): 2002003101445<br>Numru tal-passaport: AB1187605 | Dumitru Chitoroagă huwa l-amministratur ta' trust tal-media li għandu ż-żjieda ta' diversi stazzjonijiet tal-media tal-komunikazzjoni fir-Repubblika tal-Moldova, stazzjonijiet li huwa wkoll id-direttur tagħhom. Dawk l-istazzjonijiet ta' tal-media tal-komunikazzjoni spiss jippromwovu messaġġi mmirati biex ifixklu u jdgħajfu l-proċess politiku demokratiku permezz ta' dikjarazzjonijiet manifestament foloz fir-rigward tal-gvern tar-Repubblika tal-Moldova. Barra minn hekk, huma jesprimu appoġġ ċar għall-persuna elenkata Ilan Shor u għall-partit politiku tiegħu 'SHOR' ('ŞOR'). Xi wħud minn dawk l-istazzjonijiet kienu proprjetà ta' Ilan Shor jew ġew imwaqqfa minnu permezz ta' intermedjarji.<br>Ir-Repubblika tal-Moldova ssospendiet legalment il-liċenzji għax-xandir ta' diversi stazzjonijiet tal-media, inkluż dawk ta' 'TV6' u 'ORHEI TV', li jinsabu taħt l-amministrazzjoni ta' Dumitru Chitoroagă, għat-tixrid ta' informazzjoni skorretta dwar avvenimenti politiċi attwali fir-Repubblika tal-Moldova.<br>Għalhekk, billi jostakola u jdgħajjef il-proċess politiku demokratiku, Dumitru Chitoroagă huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' Ilan Shor. | 22.2.2024 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 10. | Maria ALBOT | Konsulent tar-relazzjonijiet esterni ta' Bashkan ta' Gagauzia<br>Amministratur tal-Fondazzjoni 'Miron Shor'<br>Azzjonista ta' 'Banca Socială'<br>Data tat-twelid: 21.1.1986<br>Sess: mara<br>Nazzjonalità: Ir-Repubblika tal-Moldova<br>Numru ta' Identifikazzjoni tal-Istat (IDNP): 2000088038487 | Maria Albot ilha assoċjata fdata għal żmien twil tal-persuna elenkata Ilan Shor. Bħalissa għandha rwol ewlieni f'waħda mill-fondazzjonijiet tiegħu, il-Fondazzjoni 'Miron Shor', u hija involuta fil-każ 'Bank Fraud' li affettwa l-istabbiltà finanzjarja tar-Repubblika tal-Moldova. Preċedentement, hija kellha pożizzjonijiet f'kumpaniji jew f'fondazzjonijiet oħra li kienu proprjetà ta' Ilan Shor jew li kienu assoċjati miegħu. Għaldaqstant, hija assoċjata ma' Ilan Shor. | 22.2.2024 |
| 11. | Victor PETROV | Politiku, membru tal-People's Assembly of Gagauzia<br>Data tat-twelid: 29.6.1975<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Ir-Repubblika tal-Moldova<br>Numru ta' Identifikazzjoni tal-Istat (IDNP): 0973004885136 | Victor Petrov huwa deputat tal-bashkan tal-People's Assembly of Gagauzia u l-mexxej tal-People's Union of Gagauzia, moviment soċjopolitiku manifestament favur ir-Russja li ngħaqad mal-partit politiku 'Renaștere'. Huwa jirċievi appoġġ politiku mill-persuna elenkata Ilan Shor.<br>Victor Petrov huwa involut b'mod attiv fit-tixrid tad-diżinformazzjoni, u fl-inċitament tal-vjolenza u l-biża' fost il-poplu ta' Gagauzia tar-Repubblika tal-Moldova rigward telf potenzjali ta' awtonomija pprovokat mill-awtoritajiet f'Chișinău. B'riżultat ta' dan, l-awtoritajiet fir-Repubblika tal-Moldova mblukkaw wieħed mis-siti web tiegħu, 'gagauznews.md'. Madankollu, it-tixrid jitkompla permezz ta' dominju ġdid, 'gagauznews.com' u permezz tad-dikjarazzjonijiet ta' Petrov.<br>Billi jdgħajjef il-proċess politiku demokratiku u l-ordni kostituzzjonali, Victor Petrov qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, u l-istabbiltà fir-Repubblika tal-Moldova. Huwa assoċjat ukoll ma' Ilan Shor. | 22.2.2024" |

(2) Jiżdiedu l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi" u l-entrata li ġejja:

"B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Assoċjazzjoni Pubblika – Association of People with Epaulettes 'Scutul Poporului'<br><br>(Asociația Obștească – Asociația Oamenilor cu Epoleți 'Scutul Poporului') | Tip ta' entità: NGO – grupp paramilitari<br><br>Indirizz: 74, Mitropolit Varlam street, Chişinău, Republic of Moldova<br><br>Numru ta' reġistrazzjoni: 1022620011296<br><br>Sit web: https://m.facebook.com/people/Scutul-Poporului/100088028496232/ | 'Scutul Poporului' hija organizzazzjoni paramilitari fir-Repubblika tal-Moldova, li tinkludi eks persunal militari, tal-pulizija u tal-infurzar tal-liġi. Hija mmexxija minn Chiril Guzun u tattendi protesti, b'mod partikolari biex tiddestabbilizza r-Repubblika tal-Moldova, bl-użu tal-vjolenza. Matul it-tentattivi ta' Frar 2023 biex jiddestabbilizzaw il-gvern nazzjonali, gruppi ta' dimostranti affiljati mas-sussegwentement ipprojbit 'Partidul ȘOR' u mal-Building Europe at Home Party, 'Partidul Acasă Construim Europa' (PACE) kienu appoġġati u mdawra minn membri ta' 'Scutul Poporului', li kienu involuti f'irvellijiet u dimostrazzjonijiet vjolenti.<br><br>Billi involviet ruħha u appoġġat dimostrazzjonijiet vjolenti, 'Scutul Poporului' hija responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu s-sovranità u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova, u d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova. Barra minn hekk, 'Scutul Poporului' hija assoċjata mal-persuna elenkata Chiril Guzun. | 22.2.2024" |